# Tliet miljun ewro f'fondi mill-Unjoni Ewropea

**- għal 125 organizzazzjoni u għaqda**

Dione BORG

**23 ta' Novembru, 2009 12:21 CET**

Fl-aħħar għaxar xhur il-Kumitat ta' Azzjoni dwar ir-relazzjonijiet bejn Malta u l-Unjoni Ewropea, il-MEUSAC, wassal biex 125 organizzazzjoni u għaqda Maltija gawdew minn tliet miljun ewro f'fondi mill-Unjoni Ewropea.

F'diskors li għamel waqt laqgħa tal-Core Group tal-MEUSAC, il-Prim Ministru Lawrence Gonzi qal li l-MEUSAC qed jirnexxielu jqarreb il-benefiċċji tal-Unjoni Ewropea lejn l-għaqdiet u l-organizzazzjonijiet Maltin. Flimkien ma' dan, il-Gvern qed ikompli jinvesti billi fetaħ fond ta' 280,000 ewro għall-għaqdiet mhux governattivi. Il-pjani tal-Gvern huma li s-sena d-dieħla jinvesti 140 miljun ewro fl-infrastruttura, bi prijorita' jkunu l-proġetti ta' toroq, drenaġġ u restawr tas-swar. Il-Prim Ministru qal li l-MEUSAC qed jagħti kontribut kbir għad-djalogu soċjali fil-pajjiż u sostna li d-djalogu soċjali hu pilastru fil-politika tal-Gvern. Lawrence Gonzi tkellem dwar ir-rwoli li għandu l-MEUSAC fosthom dik li l-poplu jibqa jkun infurmat dwar il-benefiċċji tas-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Il-Gvern, sostna l-Prim Ministru, nieda diversi dokumenti dwar ir-riformi li qed jitwettqu fil-pajjiż biex il-pubbliku u l-imieħba soċjali jkunu jistgħu jikkonsultaw dwarhom u jressqu l-proposti tagħhom. Lawrence Gonzi rrifera għall-bagit u qal li l-kisbiet li tħabbru fil-bagit kienu riżultat tal-kunsens ġenerali li nkiseb fost l-imsieħba soċjali dwar il-proposti li bihom jitkattar l-investiment li u jinħoloq ix-xogħol. Il-Prim Ministru sostna li l-fatt li Malta qed tgħix ir-realta Ewropea hu fih innifsu timbru importanti għall-pajjiz biex jattira lejh l-aqwa investiment kif irnexxielu jagħmel fl-aħħar xhur fosthom bl-investiment qawwi mill-kumpanija SR Technics.